**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Pembroke**

# TMINN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 11/2021

**Il-Ħamis 26 ta' Awwissu, 2021**

Il-Kunsill Lokali Pembroke ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Alamein, Pembroke, fis-1:00 ta' wara nofsinhar. Kien hemm membri tal-Kunsill li kienu preżenti virtwalment.

**PREŻENTI:**

Dean Hili – Sindku *(online)*
Désirée Vella Brincat – Kunsillier *(online)*
Charles Cesare – Kunsillier *(online)*
Raymond Lanzon – Kunsillier*(online)*

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Omar Elaref Arab – Viċi Sindku

**ASSENTI**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kevin Borg – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Dean Hili ppresjeda l-laqgħa.

### 11.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji.

11.1.1. Is-Sindku Dean Hili informa lill-Kunsill li l-Viċi Sindku Omar Elaref Arab talab li jiġi skużat. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill jaċċetta din l-apoloġija.

11.1.2. Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.1.3. Il-Kunsill qabel unanimament.

### 11.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 10/K8/2021.

11.2.1 Is-Sindku Dean Hili ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 10/K8/2021 kif ippreżentati.

11.2.2 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

11.2.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

### 11.3 Komunikazzjoni mis-Sindku.

**46/3928/21/I** Email mingħand id-DGL jinfurmaw lill-Kunsill dwar jekk is-Segretarju Eżekuttiv huwiex ser jittrasferixxi vacation leave mis-sena 2021 għas-sena 2022.

11.3.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/3928/21/I** fejn ippropona li l-Kunsill japprova li s-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg jingħata l-faċilita li jkun jista' jittrasferixxi l-massimu permess bil-liġi ta' vacation leave mis-sena 2021 għas-sena 2022.

11.3.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.3.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4047/21/I** Email mingħand individwu juri interess li fis-sit li hemm biswit Triq l-Imħallef William Harding, fejn hemm il-platform tal-konkos, jiġi żviluppat public outdoor first Calisthenics gym, li jkun l-ewwel wieħed tax-xorta tiegħu f'Malta.

11.3.4 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4047/21/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu ħsibijiet differenti għas-sit u għalhekk l-offerta tiegħu mhux qed tiġi milqugħa.

11.3.5 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

11.3.6 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4075/21/I** Email mingħand il-Kumitat Olimpiku Malti jinfurmaw lill-Kunsill li Queen's Baton ser tagħmel waqfa fil-lokal nhar l-Erbgħa 13 ta' Ottubru fit-15:00, u stiednu lill-Kunsill jipprovdilhom programm ta' x'qed jipproponi l-Kunsill.

11.3.7 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4075/21/I** fejn talab il-kummenti tal-Kunsillier Raymond Lanzon.

11.3.8 Il-Kunsillier Raymond Lanzon irrimarka li x-xewqa tiegħu kienet li f'din l-attività jkunu nkluża l-iskejjel u l-għaqdiet sportivi tal-lokal, iżda ladarba l-ħin propost huwa dak tat-3:00pm, ser ikun ferm diffiċli li dawn jipparteċipaw u għalhekk ippropona il-Kunsill għandu jirtira l-parteċipazzjoni tiegħu.

11.3.9 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.3.10 Il-Kunsill qabel unanimament.

11.3.11 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-IMU qed jirrakkomandaw lill-Kunsill biex issir IT cabinet ġdida li fiha jkun hemm l-IT equipment li preżentement hemm fl-uffiċċju tiegħu u fis-sala, liema cabinet tiġi installata fis-sala tal-Kunsill, u li għalhekk hemm xogħol involut ma' cables u provvista ta' hardware.

11.3.12 Fid-dawl ta' dan, is-Sindku Dean Hili ippropona li ladarba l-IMU jipprovdulna l-ispeċifikazzjonijiet neċessarja, is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg għandu jingħata l-awtorizzazzjoni biex jiġbor l-istimi neċessarja u jara li jsir dan ix-xogħol.

11.3.13 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.3.14 Il-Kunsill qabel unanimament.

11.3.15 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li kienu waslu ilmenti li hemm il-bankina ta' quddiem l-InsaStore fi Triq il-Profs Walter Ganado hija miksura.

11.3.16 Fid-dawl ta' dan is-Sindku Dean Hili ippropona li l-Kunsill iqabbad lill-kuntrattur tal-Kunsill biex isir il-manutenzjoni meħtieġa.

11.3.17 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.3.18 Il-Kunsill qabel unanimament.

11.3.19 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-problema li hemm fi Triq Salvatore Castaldi, fejn hemm ilma l-ħin kollu ħiereġ mill-culvert grid, li tilqa' fiha suppost l-ilma tal-btieħi u bjut ta' Triq San Ġorġ Preca, fejn ippropona l'issir laqgħa fuq il-post mal-kuntrattur tal-Kunsill u l-Perit tal-Kunsill, kif ukoll fuq suġġeriment tas-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg, tinġabar stima biex issir spezzjoni permezz ta' cameras fil-katusi li hemm taħt wiċċ it-triq, biex forsi jiġi identifikat is-sors tal-ilma.

11.3.20 Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat issekondat.

11.3.21 Il-Kunsill qabel unanimament.

11.3.22 Is-Sindku Dean Hili ippropona li l-Kunsill jagħmel ilqugħ tal-ħamrija li hemm biswit Triq Antonie Favray, biex meta tagħmel ix-xita, il-ħamrija ma tiġix fit-triq. Il-kelliem irrimarka li Il-Kunsillier Charles Cesare kien qed jikkordina mal-PARKS biex jipprovdu l-ħamrija neċessarja li hemm bżonn.

11.3.23 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.3.24 Il-Kunsill qabel unanimament.

11.3.25 Is-Sindku Dean Hili ippropona li tinbidel il-kurduna fi Triq Patri Odorik Grima quddiem il-blokk minħabba li wara li saru x-xogħolijiet minn IM, ġiet għolja u qed jaħbtu l-bibien tal-karozzi magħha.

11.3.26 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

11.3.27 Il-Kunsill qabel unanimament.

11.3.28 Is-Sindku Dean Hili ippropona li fi Triq Madre Margerita de Brincat quddiem il-Maypole, għandhom jitneħħew il-marki kollha tat-traffiku li hemm u jerġgħu isiru ġodda inkluż double yellow line tul l-outcrop mal-bankina.

11.3.29 Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat issekondat.

11.3.30 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

11.4.1 Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet, Is-Sindku Dean Hili għadda għall-item li kien imiss.

## 11.5 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet.

11.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg ippreżenta lill-Kunsill:

- **Internal Memo 8/2021** - Lista ta' works orders maħruġa bejn laqgħa referenza 10/K8/21 u 11/K8/21 **(Dok. 1)**

11.5.2 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-**Internal Memo 8/2021** dwar works orders maħruġa bejn laqgħa u oħra, fejn ippropona r-ratifikazzjoni tagħhom, liema works orders inħarġu skond l-esiġenzi li kellu l-Kunsill.

11.5.3 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

11.5.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.

11.6.1 Is-Sindku Dean Hili ippreżenta l-iskeda tad-dħul u ħruġ. **(Dok. 2, 3, 4, 5 u 6)**

11.6.2 Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet ippreżentati, is-Sindku Dean Hili ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif irrakkomandat.

11.6.3 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

11.6.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11.7 Mozzjonijiet.

11.7.1 Is-Sindku Dean Hili informa lill-Kunsill li ma kienu daħlu ebda mozzjonijiet u għalhekk għadda għall-item li kien imiss.

## 11.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

11.8.1 Is-Sindku Dean Hili għalaq il-laqgħa fis-2:00pm wara li unanimament kien hemm qbil li l-laqgħa tiġi aġġornata għal nhar il-Ħamis 30 ta' Settembru 2021 fit-3:00pm.

**Konfermati, illum 30 ta' Settembru, 2021**

**IFFIRMAT**

Avv. Dean Hili
**Sindku**

**IFFIRMAT**

Kevin Borg
**Segretarju Eżekuttiv**

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 1

**Internal Memo Referenza 08/2021** **26 ta' Awwissu 2021**

# Lista ta' works orders li jinħtieġ li jiġu ratifikata bejn il-Laqgħa 10/K8/21 u 11/K8/21

| Referenza | | Kuntrattur | Xogħol ordnat |
|---|---|---|---|
| 88 | 2021 | Mica Med | Lampa fuq arblu W149 li tinsab fi Triq Fra Franceso Wizzino fejn Dar numru 7 |
| 89 | 2021 | Infinite fusion Technologies | Isir Reimage tal-PC's kif mitlub mill-MITA |

Kevin Borg
*Segretarju Eżekuttiv*

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

PEMBROKE